Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post, dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jqisu r-riskji assoċjati, ma għandhomx jagħżlu lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-

dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

Meta n-nuqqas ta' konformità jkun minuri, mhux intenzjonat u ma jirriżultax fi ħsara serja għall-interessi pubbliċi, l-Istati Membri għandhom japplikaw mekkaniżmu ta' twissija u ta' korrezzjoni qabel ma jimponu penali amministrattivi. Il-benefiċjarji għandhom jingħataw il-possibbiltà li jikkoreġu l-irregolarità sa skadenza raġonevoli qabel ma jiġi applikat kwalunkwe tnaqqis jew esklużjoni tal-appoġġ.

2.L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u ta' infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u l-benessri ambjentali, tal-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi u tal-istandards tax-xogħol applikabbli biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu.

3.L-awtorità ta' ġestjoni jew l-aġenzija tal-pagamenti għandha tiġi nnotifikata, fejn ikun rilevanti, mill-inqas darba fis-sena dwar każijiet ta' nuqqas ta' konformità meta jkunu ttieħdu deċiżjonijiet infurzabbli f'dak ir-rigward skont is-sistemi ta' kontroll u infurzar applikabbli msemmija fil-paragrafu 2. Dik in-notifika għandha tinkludi valutazzjoni u gradazzjoni tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza jew tar-riokkorrenza u tal-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità kkonċernat.

Meta l-konformità ma' rekwiżit skont dan ir-Regolament tkun diġà ġiet ivverifikata minn awtorità pubblika kompetenti skont id-dritt tal-Unjoni u d-dritt nazzjonali jew reġjonali, l-istess rekwiżit ma għandux ikun soġġett għal kontrolli addizzjonali mill-aġenzija tal-pagamenti jew mill-awtorità ta' ġestjoni. Ir-riżultat ta' tali verifika għandu jiġi aċċettat għall-finijiet tal-kontrolli tal-PAK, sakemm ma jkunx hemm evidenza oġġettiva ta' frodi, żball

materjali jew bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi. L-intelliġenza artifiċjali u s-sistemi ta' telerilevament jistgħu jappoġġaw il-kontrolli iżda ma għandux jipprevali fuq id-data ċċertifikata uffiċjalment jew l-ispezzjonijiet fuq il-post.

Or. en

Emenda 1090
Paulo do Nascimento Cabral, Sérgio Humberto, Ana Miguel Pedro, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
	L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mis-sistema ta' kontroll tagħhom diġà stabbilita għall-kundizzjonalità biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli. Meta ż-żona eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 20j (ġdid) [SIAK], ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli u l-penali skont dan l-Artikolu.
	Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri, sa fejn ikun

possibbli u filwaqt li jqisu r-riskji assoċjati, ma għandhomx jagħżlu lil dak il-benefiċjarju għal kampjun sussegwenti ta' verifika jew kontroll għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-livell tal-verifiki.

2. Il-penali amministrattivi għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità bi ħtija, negliġenti jew intenzjonali mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [intendenza tal-azjendi agrikoli] meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) in-nuqqas ta' konformità jkun relatat mal-attività agrikola tal-benefiċjarju, kif definita mill-Istati Membri fil-Pjanijiet SNR tagħhom f'konformità mal-Artikolu 1b (ġdid), il-paragrafu (2) [definizzjoni tal-attività agrikola];

(b) in-nuqqas ta' konformità jikkonċerna l-azjenda kif definita fl-Artikolu 1a (ġdid), il-paragrafu (4a) [definizzjoni ta' azjenda] jew żoni oħra ġestiti mill-benefiċjarju li jinsabu fit-territorju tal-istess Stat Membru.

Or. pt

Emenda 1091
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 3a

Artikolu 3a (ġdid) – Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli

Għall-kalkolu ta' dawk il-penali, għandhom jitqiesu s-severità, il-firxa, il-permanenza jew ir-riokkorrenza u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità ddeterminat, f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3. Penali imposta skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta l-atti legali elenkati fl-Anness I, il-partijiet A u B, ta' dan ir-Regolament XX għall-istess att jew ommissjoni ta' bidwi jew benefiċjarju ieħor tista' titqies fil-kalkolu tal-penali msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR, miftiehem li jiġu trasferiti.

L-emendi mqabbla mat-test trasferit: 62(5), is-subparagrafu 3, fl-aħħar sentenza, "għandha" sostitwita b'"tista'".

Emenda 1092
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	[…]
	4. Il-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità kolpevoli mwettaq b'negliġenza jew b'intenzjoni mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [PAK, intendenza tal-

azjendi agrikoli] meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli direttament lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-sistema ta' tnaqqis tal-pagamenti għandha tibqa' proporzjonata, legalment ċara u tqis in-natura u s-severità tan-nuqqas ta' konformità. Dan l-Artikolu huwa trasferit mill-SNR (Artikolu 62), filwaqt li jiżdied il-kliem "kolpevoli" u "mwettaq b'negliġenza jew b'intenzjoni".

Emenda 1093
Jessika van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	(4) Il-penali amministrattivi msemmija fil-paragrafu 5 għandhom japplikaw biss għan-nuqqas ta' konformità intenzjonat jew negliġenti mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament XX [PAK, intendenza tal-azjendi agrikoli], meta dak in-nuqqas ta' konformità jkun ir-riżultat ta' att jew ommissjoni attribwibbli lill-benefiċjarju kkonċernat, u meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin jew it-tnejn li huma:

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li kien l-Artikolu 62(1) tal-SNR miżjud: intenzjonat jew negliġenti)

Emenda 1094
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Artikolu 3a (ġdid) (dak li kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR) Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' penali amministrattivi li japplikaw għall-benefiċjarji msemmija fil-paragrafu 4 li tkun proporzjonata, trasparenti u bbażata fuq is-severità, l-intenzjonalità u r-ripetizzjoni tal-ksur, filwaqt li jagħtu prijorità lil miżuri korrettivi u azzjonijiet konsultattivi f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità minuri jew għall-ewwel darba.

Or. en

Ġustifikazzjoni

To ensure that farm stewardship is a proportionate, flexible and practical manner, while respecting the principle of subsidiarity and reducting unnecessary administrative burdens for farmers. The amendments stregthen Member States` ability to adapt environmental and social requirements to national and regional conditions, avoid duplication with existing legislation, and provide appropiate simplifications for small and medium-sized farms without compromising the objectives of the Common Agricultural Policy. The amendments reinforce the principales of subsidiarity, proportionality and simplification by allowing Member States to tailor protective practices to national and regional conditions while reducing unnecesary administrative burdens and duplication of controls. They ensure that environmental objectives are achived without imposing additional obligations beyound existing legislation, safeguard farmers` competitiveness and productivity and recognise equivalent environmental certification schemes where deliver comparable outcomes. The amendments strengthen subsidiarity by giving Member States greater flexibility to respond to exceptional circumstances affecting agricultural production and to adapt implementation to national conditions. It aim to ensure that the farm stewardship control system is based on proportionality, simplification and legal certainty.

Emenda 1095
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	Meta ż-żona eliġibbli għall-appoġġ imsemmi fl-ewwel subparagrafu, kif iddikjarata fl-applikazzjoni ġeospazjali msemmija fl-Artikolu 70 [SIAK], ma taqbiżx l-10 ettari, il-benefiċjarji għandhom ikunu eżentati mill-kontrolli u mill-penali skont dan l-Artikolu ħlief għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, il-Parti B.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR)

ŻIEDA: "ħlief għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I, il-Parti B"

Huwa importanti li tinżamm u tiġi żgurata l-konformità mal-kundizzjonalità soċjali għall-azjendi agrikoli kollha, inklużi dawk taħt l-10 ettari, li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-azjendi agrikoli Ewropej, minħabba li l-Kundizzjonalità Soċjali (SC) hija standard etiku li jrid jiġi rrispettat irrispettivament mid-daqs tal-azjenda agrikola.

Emenda 1096
Willemien Koning

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' twissija bikrija li japplika għal każijiet individwali ta' nuqqas ta'

konformità, li jippermetti lill-benefiċjarju jirrimedja n-nuqqas ta' konformità jew jemenda l-applikazzjoni għall-għajnuna sa skadenza stabbilita mingħajr l-applikazzjoni ta' penali amministrattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Żieda ma' dak li kien l-Artikolu 62 tal-SNR, li ntlaħaq qbil li jiġi trasferit. Din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għal paragrafu 5a ġdid tal-Artikolu 3a tar-Regolament dwar il-PAK kif stabbilit fid-dokument ta' ħidma li jinkorpora t-trasferimenti. Applikant li jagħmel żball onest għandu l-ewwel jingħata l-opportunità li jirranġah. Diġà teżisti sistema ta' twissija bikrija skont il-PAK attwali u din uriet il-valur tagħha; il-kontinwazzjoni tagħha tiddistingwi l-iżball mill-abbuż u hija element ewlieni ta' sistema ta' infurzar proporzjonata u tal-aġenda ta' simplifikazzjoni għall-PAK wara l-2027.

Emenda 1097
Barry Cowen, Asger Christensen, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Eżenzjonijiet f'każijiet ta' force majeure u f'ċirkostanzi eċċezzjonali
	***1. Għall-finijiet tal-PAK, force majeure u ċirkostanzi eċċezzjonali jistgħu, b'mod partikolari, jiġu rikonoxxuti fil-każijiet li ġejjin: (a) diżastru naturali sever jew avveniment meteoroloġiku sever li jaffettwa serjament lill-azjenda; (b) il-qerda aċċidentali ta' bini għall-bhejjem fl-azjenda; (c) epiżootija, tifqigħa ta' marda tal-pjanti jew il-preżenza ta' pest tal-pjanti li jaffettwaw il-bhejjem jew l-għelejjel kollha tal-benefiċjarju jew parti minnhom; (d) esproprjazzjoni tal-azjenda kollha jew parti kbira minnha jekk dik l-esproprjazzjoni ma setgħetx tiġi antiċipata fil-jum tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni; (e) il-mewt tal-benefiċjarju;**

(f) inkapaċità professjonali fit-tul tal-benefiċjarju.

2. Meta diżastru naturali sever jew avveniment meteoroloġiku sever kif imsemmi fil- paragrafu 1, il-punt (a), jaffettwa serjament żona ddeterminata sew, l-Istat Membru kkonċernat jista' jqis dik iż-żona kollha bħala affettwata serjament minn dak id-diżastru jew l-avveniment.

Or. en

Emenda 1098
Thomas Waitz

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	1. Bħala parti mill-kontrolli msemmija fl-Artikolu 58 tar-Regolament SNR [Responsabbiltajiet tal-Istati Membri], l-Istati Membri għandhom jivverifikaw il-konformità tal-benefiċjarji mar-rekwiżiti tal-intendenza tal-azjendi agrikoli msemmija fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.
	Meta benefiċjarju jkun intgħażel għal verifika fuq il-post dwar applikazzjoni għall-għajnuna jew dwar talba għall-pagament, l-Istati Membri, sa fejn ikun possibbli u filwaqt li jqisu r-riskji assoċjati, ma għandhomx jagħżlu lil dak il-benefiċjarju għal kampjun ta' verifika u kontroll sussegwenti għal dik is-sena, ħlief meta ċ-ċirkostanzi jirrikjedu aktar minn verifika waħda fuq il-post sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tnaqqas il-

livell tal-verifiki.

2. (…)

(Artikolu 3a (ġdid) (dak li kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR))

Or. en

(It-tieni subparagrafu tal-punt 1 imħassar)

Emenda 1099
Willemien Koning

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. Bħala regola ġenerali, it-tnaqqis għandu jkun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ripetut u negliġenti, it-tnaqqis jista' jiżdied sa massimu ta' 5 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti. F'każijiet debitament sostanzjati ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat, it-tnaqqis għandu jkun proporzjonat man-natura, mal-gravità, mal-firxa u mad-durata tan-nuqqas ta' konformità u jista' jaqbeż il-5 %. It-tnaqqis għandu jiġi applikat fil-livell tal-azjenda jew tal-unità tal-produzzjoni fejn ikun seħħ in-nuqqas ta' konformità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Former NRP Article 62(5), agreed to be transferred. Amendments compared to the transferred text: "intentional non-compliance, the reduction shall be at least 15 %" replaced by a proportionate regime distinguishing repeated negligent non-compliance (maximum 5 %) from duly substantiated intentional non-compliance (proportionate, may exceed 5 %); addition of the final sentence confining reductions to the holding or production unit

concerned. This provision corresponds to Article 3a(5), fourth subparagraph, of the CAP Regulation as set out in the working document incorporating the transfers.

Emenda 1100
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	(5) paragrafu 4
	In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. Bħala regola ġenerali, it-tnaqqis għandu jkun limitat għal 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. F'każijiet ta' nuqqas ta' konformità intenzjonat jew negliġenti, dak il-perċentwal jista' jiżdied sa massimu ta' 5 % tal-ammont tal-pagamenti. Meta n-nuqqas ta' konformità jkun ta' natura minuri, ma għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li kien l-Artikolu 6(5) tal-SNR) miżjud: "limitat għal", "jew negliġenti", "dak il-perċentwal jista' jiżdied sa massimu ta' 5 %", "Meta n-nuqqas ta' konformità jkun ta' natura minuri, ma għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva"

Emenda 1101
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 3b

Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli

[…]

Paragrafu 5(4). In-nefqa li tkun tnaqqset b'riżultat tal-applikazzjoni ta' penali għandha titqies bħala legali u regolari. Bħala regola ġenerali, it-tnaqqis għandu jkun ta' 3 % tal-ammont totali tal-pagamenti. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità negliġenti jew intenzjonat, it-tnaqqis jista' jiżdied għal 5 % tal-ammont ta' dawk il-pagamenti. Meta n-nuqqas ta' konformità jkun insinifikanti, ma għandha tiġi applikata ebda penali amministrattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bl-introduzzjoni ta' kontrolli satellitari, in-nuqqas ta' konformità intenzjonat huwa virtwalment impossibbli. Għandu jkun hemm tnaqqis massimu ta' 5 % għal nuqqas ta' konformità negliġenti (3 % fil-każ tal-ewwel istanza ta' nuqqas ta' konformità). L-Artikolu 62.5 trasferit mill-SNR b'bidliet "negliġenti jew" u "jista' jiżdied għal 5 %" u "Meta n-nuqqas ta' konformità jkun insinifikanti, ma għandha tiġi applikata ebda penali amministrattiva".

Emenda 1102
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Artikolu 3a (ġdid) – Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	2. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi ta' kontroll u ta' infurzar tagħhom fl-oqsma tal-klima u tal-ambjent, tas-saħħa pubblika, tas-saħħa tal-pjanti u l-benessri ambjentali, tal-leġiżlazzjoni soċjali u dwar l-impjiegi, tal-

istandards tax-xogħol applikabbli, biex jiżguraw li l-benefiċjarji tal-appoġġ jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel paragrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 62(1) sa (5) tal-SNR, miftiehem li jiġu trasferiti.

L-emendi mqabbla mat-test trasferit: 62(2), l-ewwel sentenza, "għandhom" sostitwita b'"jistgħu".

Emenda 1103
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3b
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	Għall-kalkolu ta' dawk il-penali, għandhom jitqiesu s-severità, il-firxa, il-permanenza jew ir-riokkorrenza u l-intenzjonalità tan-nuqqas ta' konformità ddeterminat, f'konformità mal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(former NRP Art. 62(1)to(5))

DELETION: "A penalty imposed pursuant to the national legislation implementing the legal acts listed in Annex I, parts A and B, to this Regulation XX for the same act or omission of a farmer or other beneficiary shall be taken into account in the calculation of penalties referred to in the first subparagraph. "

Article 3a.5 - Farm Stewardship Control System (formerly Article 62.5 of the Single Fund Regulation) requires that, when calculating the penalty for a specific violation, national penalties for that same violation must also be taken into account. This is a vague provision,

unclear as to whether it should be taken into account as a mitigating or aggravating factor, and each country may interpret it differently.

Emenda 1104
Willemien Koning

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	L-Istati Membri għandhom jipprevedu li ma għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva jekk:
	(a) in-nuqqas ta' konformità jkun dovut għal force majeure jew ċirkostanzi eċċezzjonali;
	(b) in-nuqqas ta' konformità jkun ġej minħabba ordni minn awtorità pubblika;
	(c) in-nuqqas ta' konformità jkun ta' sinifikat minuri, filwaqt li jitqiesu s-severità, il-firxa u l-permanenza tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dak li qabel kien l-Artikolu 62(5) tal-SNR, li ntlaħaq qbil li jiġi trasferit. L-emenda mqabbla mat-test trasferit: żieda tal-punt (c). Din id-dispożizzjoni tikkorrispondi għall-Artikolu 3a(5), il-ħames subparagrafu, tar-Regolament dwar il-PAK kif stabbilit fid-dokument ta' ħidma li jinkorpora t-trasferimenti. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, is-sejbiet ta' sinifikat minuri ma għandhomx jiskattaw awtomatikament sanzjonijiet finanzjarji; iż-żieda ta' din ir-raġuni mal-lista eżistenti ta' eżenzjonijiet iżżomm is-sistema ta' infurzar koerenti.

Emenda 1105
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c

Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli

Paragrafu 5a (ġdid). L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' twissija bikrija li japplika għal każijiet individwali ta' nuqqas ta' konformità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Żieda ma' dak li kien l-Artikolu 62 tal-SNR. Aħna nemmnu li jrid ikun hemm sistema mifruxa mal-UE kollha li tippermetti lill-applikant jibdel l-applikazzjoni tiegħu tal-PAK mingħajr penali ("twissija bikrija"/"dritt għal żball"). Dan jgħin biex jiġu indirizzati żbalji mhux intenzjonati u tiġi appoġġjata sistema ta' sanzjonijiet proporzjonata.

Emenda 1106
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 3c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3c
	Sistema ta' Kontroll tal-Intendenza tal-Azjendi Agrikoli
	(5) ġdid
	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu ta' twissija bikrija għal każijiet individwali ta' nuqqas ta' konformità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

(dak li kien l-Artikolu 62 tal-SNR) żieda ġdida

Emenda 1107
Emma Wiesner, Barry Cowen, Christine Singer, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Oqsma ta' prijorità ambjentali ***u*** klimatiċi	Oqsma ta' prijorità ambjentali***,*** klimatiċi ***u tas-saħħa u tal-benessri ambjentali***

Or. en

Emenda 1108
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi	Oqsma ta' prijorità ambjentali***,*** u klimatiċi ***u tal-benessri ambjentali***

Or. en

Emenda 1109
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi	Oqsma ta' prijorità ambjentali***, tal-bijodiversità*** u klimatiċi

Or. en

Emenda 1110
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Oqsma ta’ prijorità ambjentali ***u*** klimatiċi	Oqsma ta’ prijorità ambjentali***,*** klimatiċi ***u tal-benessri tal-annimali***

Or. de

Emenda 1111
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f’isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f’kull wieħed mill-oqsma ta’ prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom ***jiżviluppaw strateġiji ta’ mitigazzjoni u adattament u għandhom*** jipprovdu appoġġ ***adegwat*** għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***biex jindirizzaw l-isfidi identifikati*** mill-inqas f’kull wieħed mill-oqsma ta’ prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin***, minimu ta’ 40 % tan-nefqa tal-PAK għandu jkun delimitat biex jintlaħqu dawn l-objettivi***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Baġit delimitat adegwat huwa essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali.

Emenda 1112
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f’kull wieħed mill-oqsma ta’ prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ lill-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f’kull waħda miż-żoni ta’ prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin***, filwaqt li jippreżervaw il-kapaċità produttiva tal-art agrikola u jqisu kif xieraq il-vijabbiltà ekonomika u l-***

kompetittività tal-azjendi agrikoli:

Or. en

Emenda 1113
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***mill-inqas*** f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***inkluż billi jipprovdu inċentivi ekonomiċi*** f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin ***li jikkontribwixxu għal sistemi tal-ikel sostenibbli li joperaw fil-limiti planetarji***:

Or. en

Emenda 1114
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ***, inkluż billi jipprovdu inċentivi ekonomiċi,*** għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin ***li jikkontribwixxu għal sistemi tal-ikel sostenibbli***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li l-azzjonijiet klimatiċi u ambjentali jiġu inċentivati u appoġġjati finanzjarjament b'mod adegwat.

Emenda 1115
Luis-Vicențiu Lazarus

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***u lil benefiċjarji*** oħra ***mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:***	L-Istati Membri ***b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem kif ukoll għal soluzzjonijiet*** oħra***, inklużi approċċi kollettivi/kooperattivi.***

Or. en

Emenda 1116
Arno Bausemer

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***mill-inqas f'kull wieħed*** mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ ***volontarju bbażat fuq l-inċentivi*** għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***f'wieħed jew aktar*** mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin ***skont il-ħtiġijiet u l-prijoritajiet nazzjonali***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom iżommu biżżejjed flessibbiltà biex ifasslu interventi ambjentali skont l-istrutturi agrikoli, il-kundizzjonijiet klimatiċi u l-prijoritajiet nazzjonali speċifiċi tagħhom. Approċċi volontarji u bbażati fuq l-inċentivi huma aktar effettivi biex jiżguraw l-involviment u s-sjieda tal-bdiewa.

Emenda 1117
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali ***u*** klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ ***u jagħmlu disponibbli inċentivi ekonomiċi*** għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali***,*** klimatiċi ***u tal-benessri ambjentali*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 1118
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali ***u*** klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ ***u inċentivi ekonomiċi*** għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali***,*** klimatiċi ***u tal-benessri tal-annimali*** li ġejjin:

Or. de

Emenda 1119
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u ***jistgħu jipprovdu***

mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	***appoġġ*** lil benefiċjarji oħra ***abbażi tal-oqsma*** ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin ***iddeterminati mill-Istati Membri***:

Or. en

Emenda 1120
Emma Wiesner, Barry Cowen, Christine Singer, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***appoġġ*** għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali ***u*** klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu ***inċentivi ekonomiċi*** għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma ta' prijorità ambjentali**,** klimatiċi ***u tas-saħħa u tal-benessri ambjentali*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 1121
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma*** ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u ***jistgħu jipprovdu appoġġ*** lil benefiċjarji oħra ***fl-oqsma*** ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin ***iddeterminati mill-Istati Membri***:

Or. en

Emenda 1122
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***u lil benefiċjarji oħra mill-inqas f'kull wieħed*** mill-oqsma ta' prijorità ***ambjentali u klimatiċi*** li ġejjin:	***B'enfasi fuq il-funzjoni tal-produzzjoni tal-ikel tal-azjenda agrikola,*** l-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***f'wieħed jew aktar*** mill-oqsma ta' prijorità li ġejjin:

Or. fr

Emenda 1123
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma*** ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***għall-oqsma*** ta' prijorità ambjentali u klimatiċi rilevanti ***magħżula mill-Istati Membri***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

It is necessary to ensure flexibility for Member States in selecting priority environmental and climate areas to be supported under the future CAP—the decision on which areas should receive support will depend, among other things, on national needs and challenges, EC recommendations, and the availability of funds. Therefore, the Member State should have flexibility in this regard and the ability to limit the number of areas (by selecting the appropriate ones) to which support will be directed. Support should apply to priority areas identified in Article 4, selected by Member States, rather than all priorities.

Emenda 1124
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***mill-inqas f'kull wieħed mill-oqsma*** ta' prijorità ambjentali u klimatiċi li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa u lil benefiċjarji oħra ***għall-oqsma*** ta' prijorità ambjentali u klimatiċi rilevanti ***magħżula mill-Istati Membri***:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom iżommu biżżejjed flessibbiltà biex jidentifikaw il-prijoritajiet ambjentali u klimatiċi rilevanti li għandhom jiġu appoġġjati skont il-PAK futura, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet u l-isfidi nazzjonali, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-finanzjament disponibbli. Għalhekk, l-appoġġ għandu jiġi dirett lejn l-oqsma ta' prijorità rilevanti magħżula mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4, aktar milli jiġi applikat awtomatikament għall-prijoritajiet kollha.

Emenda 1125
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma, ***inkluż l-appoġġ għall-irrigazzjoni sostenibbli, il-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-ilma, l-użu mill-ġdid tal-ilma, il-ħżin, id-diġitalizzazzjoni u l-effiċjenza fl-użu tal-ilma permezz ta' Pjan Ewropew għall-Infrastruttura tal-Ilma ffinanzjat permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Kompetittività***;

Or. es

Ġustifikazzjoni

F'żoni b'defiċit tal-ilma, l-ilma mhuwiex investiment fakultattiv, iżda kundizzjoni bażika għaż-żamma tal-produzzjoni agrikola, is-sigurtà tal-ikel u l-ħajja rurali. Il-PAK għandha tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati l-irrigazzjoni sostenibbli, l-użu mill-ġdid, il-ħżin, id-diġitalizzazzjoni u l-effiċjenza fl-użu tal-ilma.

Emenda 1126
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima ***u r-reżiljenza tal-ilma***;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima ***permezz tal-inkoraġġiment ta' tranżizzjoni ġusta lejn prattiki tal-biedja aktar sostenibbli inkluż permezz taż-żamma tal-fertilità tal-ħamrija permezz tar-riċiklaġġ tan-nutrijenti fl-azjendi agrikoli, il-ħolqien ta' ħabitats għall-pollinaturi u għall-insetti ta' benefiċċju***; ***u prattiki tal-użu tal-art bħas-sistemi tal-agroforestrija, l-użu ta' għelejjel leguminużi, u n-newbiet tal-għelejjel;***

Or. en

Emenda 1127
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma***, inklużi l-iżvilupp ta' infrastruttura taż-żamma, sistemi ta' monitoraġġ tan-nixfa u azzjonijiet li jsaħħu l-kapaċità taż-żamma tal-ilma tal-azjendi agrikoli***;

Or. pl

Emenda 1128
Eric Sargiacomo, Claire Fita, Chloé Ridel

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma***, b'attenzjoni partikolari għaż-żoni klimatiċi tal-Mediterran, iż-żoni suxxettibbli għan-nar u t-territorji b'vulnerabbiltajiet klimatiċi speċifiċi***;

Or. en

Emenda 1129
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma ***inkluż l-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma***;

Or. en

Emenda 1130
Sakis Arnaoutoglou

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt α

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma***, inkluż miżuri għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma***;

Or. el

Emenda 1131
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma***, inkluż permezz ta' sistemi effiċjenti ta' irrigazzjoni u fertigazzjoni***;

Or. en

Emenda 1132
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma ***inklużi l-indirizzar tal-iskarsezza tal-ilma u l-istress idroloġiku***;

Or. en

Emenda 1133
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma***, inkluża l-infrastruttura sekondarja tal-irrigazzjoni***;

Or. en

Emenda 1134
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma;	(a) l-adattament għat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza tal-ilma ***u l-immaniġġjar sostenibbli tal-ilma***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi għandhom l-għan li jiżguraw li l-objettivi ambjentali u klimatiċi jiġu segwiti b'mod ibbilanċjat flimkien mas-sigurtà tal-ikel, il-kompetittività tal-azjendi agrikoli u s-sostenibbiltà ekonomika. Dawn isaħħu l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tan-newtralità teknoloġika billi jippermettu lill-Istati Membri jfasslu interventi li jirriflettu ċ-ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali filwaqt li jwasslu għal eżiti ambjentali effettivi.

Emenda 1135
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-użu sostenibbli tal-ilma, għall-protezzjoni mit-tnaqqis fil-livelli tal-ilma ta' taħt l-art, it-tniġġis agrikolu, l-ewtrofikazzjoni u l-ilma tax-xeba' kkontaminat, inkluż bl-użu ta' għelejjel ta' kopertura, u l-ħdim tar-raba' ta' konservazzjoni biex tiżdied iż-żamma tat-tira u anke billi jittejbu l-istruttura tal-ħamrija u l-kontenut organiku biex l-ilma fil-ħamrija jkun disponibbli aktar fit-tul.

Or. en

Emenda 1136
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass***, f'installazzjonijiet agrikoli mhux industrijali żgħar u ta' daqs medju u bbażati esklużivament fuq prodotti sekondarji u residwi agrikoli, dment li tali produzzjoni tirrispetta l-vokazzjoni primarja tal-art agrikola għall-produzzjoni tal-ikel, ma tagħmilx ħsara lil tali għalf u benessri ttal-annimali, u ma tintensifikax il-produzzjoni tal-annimali billi tinċentiva żieda fid-densità tal-bhejjem jew fil-magħluq***;

Or. fr

Emenda 1137
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi ***t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u*** l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni ***sostenibbli*** tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inklużi ***l-katina tal-provvista qasira u sostenibbli jew*** il-produzzjoni ***komunitarja*** tal-bijogass***, mingħajr kompromessi bejn l-ikel u l-enerġija biex b'hekk tingħata prijorità lill-materja prima mill-iskart tal-ikel, mill-iskart tal-annimali u mill-prodotti sekondarji, u f'konformità mad-***

Direttiva dwar in-Nitrati (91/676/KEE) u mad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE) u ma jiġix imminat il-benessri ambjentali;

Or. en

Emenda 1138
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli***, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass***;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi ***t-tranżizzjoni lejn prattiki agroekoloġiċi u b'input baxx, id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni tal-proteini għall-ikel tal-bniedem u għall-għalf miksub lokalment,*** l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni ***sostenibbli ppruvata*** tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 1139
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u ***l-produzzjoni*** tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli***, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass***;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u ***l-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-operazzjonijiet tal-biedja flimkien mal-produzzjoni*** tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli ***li tirrispetta kemm il-prinċipju kaskata kif ukoll il-prinċipju tal-prossimità***;

Or. en

Emenda 1140
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima ***inklużi*** l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima ***bħal, pereżempju,*** l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass***, bħall-bijometan, u tal-enerġija agrivoltajka***;

Or. pt

Emenda 1141
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, ***inkluża l-produzzjoni tal-bijogass***;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, ***inklużi l-bijogass u l-installazzjoni fotovoltajka integrata fil-bini jew il-produzzjoni tal-agrivoltajiċi***;

Or. en

Emenda 1142
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju***, is-sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija agrikola*** u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli ***li tkun teknoloġikament newtrali***, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;

Or. en

Emenda 1143
Jessika van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju ***anċillari għall-produzzjoni agrikola kontinwa*** u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass; ***”***

Or. en

Emenda 1144
Pekka Toveri

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass ***kemm għall-użu fl-azjendi agrikoli kif ukoll mhux fl-azjendi agrikoli***;

Or. en

Emenda 1145
Emma Wiesner, Jérémy Decerle, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju***, it-tnaqqis fl-użu tal-fjuwils fossili*** u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;

Or. en

Emenda 1146
Benoit Cassart, Christine Singer, Michael McNamara, Barry Cowen, Jérémy Decerle, Ciaran Mullooly, Asger Christensen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inklużi l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli ***u l-valorizzazzjoni tal-koprodotti***, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;

Or. en

Emenda 1147
Elsi Katainen, Christine Singer, Asger Christensen, Jérémy Decerle, Emma Wiesner, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inkluži l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inkluži l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass ***għall-użu fl-azjendi agrikoli u mhux fl-azjendi agrikoli***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Bħalissa hemm firxa wiesgħa ta' possibbiltajiet skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-enerġija u għall-ambjent biex tiġi appoġġjata l-produzzjoni tal-bijogass. Dawn ma jillimitawx l-użu għall-użu fl-azjenda agrikola biss. It-test legali tar-Regolament dwar il-PAK għandu jirrifletti dan sabiex jallinja u jissimplifika r-regoli dwar il-produzzjoni tal-bijogass.

Emenda 1148
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inkluż****i* l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija ***rinnovabbli*** fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) l-assorbimenti tal-karbonju u l-produzzjoni tal-enerġija ***sostenibbli*** fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;

Or. en

Emenda 1149
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inkluži l-assorbimenti tal-karbonju u ***l-produzzjoni*** tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;	(b) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima inkluži l-assorbimenti tal-karbonju u ***l-użu*** tal-enerġija rinnovabbli fl-azjendi agrikoli, inkluża l-produzzjoni tal-bijogass;

Or. es

Emenda 1150
Dario Nardella, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) l-irkupru u l-valorizzazzjoni ta' prodotti sekondarji agrikoli li jikkontribwixxu għall-bijoekonomija sostenibbli, b'mod partikolari permezz tal-użu tagħhom bħala materja prima għall-produzzjoni tal-bijofjuwils;

Or. en

Emenda 1151
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-valorizzazzjoni ta' prodotti sekondarji fil-flussi agrikoli u l-bijoekonomija sostenibbli;

Or. en

Emenda 1152
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa tal-ħamrija;	(c) is-saħħa tal-ħamrija***, inklużi strateġiji għall-protezzjoni tal-ħamrija kontra l-erożjoni, l-ilma tax-xeba', il-lissija u s-sedimentazzjoni, u biex jitnaqqsu l-effetti tas-salinizzazzjoni u d-depożizzjoni tan-nitroġenu fuq il-ħamrija***; ***kif ukoll strateġiji li għandhom l-għan li jibnu u jżommu l-istruttura tal-ħamrija, il-bini u ż-żamma tal-materja organika tal-ħamrija, inkluż permezz tan-newba tal-għelejjel u l-użu ta' għelejjel leguminużi;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jitnaqqsu l-effetti tal-fatturi li jiddegradaw il-ħamrija b'mod attiv, filwaqt li fl-istess ħin jiġu mħeġġa l-istrateġiji għall-bini mill-ġdid ta' ħamrija f'saħħitha.

Emenda 1153
Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa tal-ħamrija;	(c) is-saħħa tal-ħamrija ***permezz ta' kopertura kontinwa tal-ħamrija, għelejjel ta' kopertura b'diversi speċijiet, disturb minimizzat tal-ħamrija, l-applikazzjoni ta' materja organika (bħall-kompost u d-demel), in-newba jew id-diversifikazzjoni tal-għelejjel, u l-użu ta' sistemi ta' ragħa ġestiti, fejn dawn il-prattiki jikkontribwixxu għar-restawr tal-materja organika, il-bijoloġija jew il-bijodiversità tal-ħamrija***;

Or. en

Emenda 1154

Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***is-saħħa*** tal-ħamrija;	(c) ***ir-restawr u l-protezzjoni tas-saħħa*** tal-ħamrija***, inklużi l-preżervazzjoni tal-bijoma tal-ħamrija, l-eliminazzjoni gradwali tal-fertilizzanti sintetiċi u l-protezzjoni stretta tal-art agrikola kontra t-teħid tal-art u l-artifiċjalizzazzjoni***;

Or. fr

Emenda 1155
Paulo do Nascimento Cabral, Sérgio Humberto, Ana Miguel Pedro, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa tal-ħamrija;	(c) is-saħħa tal-ħamrija***, b'enfasi fuq il-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini u tal-għelejjel intermedji***;

Or. pt

Emenda 1156
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa tal-ħamrija;	(c) is-saħħa tal-ħamrija***, inklużi n-newba tal-għelejjel u l-kultivazzjoni assoċjata ma' għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu***;

Or. en

Emenda 1157
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-saħħa tal-ħamrija;	(c) is-saħħa tal-ħamrija ***inklużi analiżijiet relatati li jappoġġaw l-ottimizzazzjoni tar-rendimenti***;

Or. en

Emenda 1158
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, ***bħall-konservazzjoni*** tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***iż-żamma tat-trawwim u t-tisħiħ*** tal-bijodiversità, ***permezz ta' miżuri bħall-ġestjoni korretta*** tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi ***inkluż bl-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u billi jiġi żgurat li l-ħabitats naturali u l-kurituri tal-bijodiversità jinżammu fil-pajsaġġi agrikoli kollha***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żamma ta' livelli għoljin ta' bijodiversità fl-agrikoltura tnaqqas il-ħtieġa tal-erbiċidi u tal-pestiċidi billi tfixkel iċ-ċikli tal-ħajja tal-pesti u ssaħħaħ ir-regolamentazzjoni naturali tal-pesti.

Emenda 1159

Veronika Vrecionová

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***il-preżervazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi ***jew il-protezzjoni tal-organiżmi selvaġġi matul l-operazzjonijiet agrikoli, inklużi miżuri għall-prevenzjoni tal-mortalità ta' mammiferi żgħar u għasafar li jbejtu fl-art matul l-operazzjonijiet tal-ħsad***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-ġestjoni tal-artijiet bil-ħaxix tista' taffettwa b'mod mhux intenzjonat lill-organiżmi selvaġġi, b'mod partikolari matul il-perjodi tal-ħsad. Din l-emenda tiċċara li l-miżuri volontarji li jnaqqsu l-mortalità tal-organiżmi selvaġġi jistgħu jiġu appoġġjati fl-ambitu ta' interventi għall-bijodiversità, bħal prattiki tal-ħsad li ma jagħmlux ħsara lill-organiżmi selvaġġi, l-użu ta' teknoloġiji tal-immaġnijiet termiċi u tad-droni biex jiġu identifikati l-annimali qabel il-ħsad, il-ħolqien ta' żoni ta' rifuġju, jew il-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet lokali tal-konservazzjoni u tal-kaċċa. Dan jipprovdi flessibbiltà addizzjonali għall-Istati Membri.

Emenda 1160
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, ***it-tnaqqis*** tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***ir-restawr u t-tisħiħ*** tal-bijodiversità ***u n-natura***, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats***, taż-żrieragħ*** jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, ***il-konnettività tal-ħabitats, is-sostituzzjoni u t-tnaqqis tar-riskju u*** tal-użu tal-pestiċidi ***kimiċi konvenzjonali u fertilizzanti sintetiċi jew***

minerali/inorganiċi;

Or. en

Emenda 1161
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, ***il-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ, ***it-tnaqqis*** tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***il-preżervazzjoni u r-restawr*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet ***endemiċi, ir-restawr tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ, inklużi s-sisien ta' sġajriet, il-protezzjoni stretta tal-pollinaturi u trajettorja għall-eliminazzjoni progressiva*** tal-użu tal-pestiċidi;

Or. fr

Emenda 1162
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, ***il-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***ir-restawr u l-preżervazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet ***inkluż permezz ta' miżuri bbażati fuq ir-riżultati jew approċċi kollaborattivi fuq skala ta' pajsaġġ***, ***il-proforestazzjoni, il-konservazzjoni tal-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 1163

Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***il-preżervazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ***, l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti bbażati fuq ġestjoni integrata tal-pesti u tal-evidenza xjentifika***, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 1164
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ***, it-tnaqqis*** tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***il-preżervazzjoni u r-restawr*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ ***u t-tranżizzjoni lejn l-eliminazzjoni gradwali*** tal-użu tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 1165
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-	(d) ***il-preżervazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-

ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis ***tal-użu*** tal-pestiċidi;	ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis ***tal-impatt negattiv mill-użu*** tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 1166
Camilla Laureti, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***ir-restawr*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi ***u tal-fertilizzanti sintetiċi***;

Or. it

Emenda 1167
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***il-preżervazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis ***tal-impatt negattiv*** tal-użu tal-pestiċidi;

Or. pt

Emenda 1168
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***il-preżervazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, it-tnaqqis tal-użu ***ottimizzat*** tal-pestiċidi;

Or. fr

Emenda 1169
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, ***it-tnaqqis tal-użu*** tal-pestiċidi;	(d) ***il-preżervazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, ***l-użu sostenibbli*** tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 1170
Emma Wiesner, Barry Cowen, Christine Singer, Asger Christensen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ***, it-tnaqqis tal-użu tal-pestiċidi***;	(d) ***il-preżervazzjoni*** tal-bijodiversità, bħall-konservazzjoni tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, il-karatteristiċi tal-pajsaġġ;

Or. en

Emenda 1171

Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***il-preservazzjoni*** tal-bijodiversità, ***bħall-konservazzjoni*** tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, ***il-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ, ***it-tnaqqis*** tal-użu tal-pestiċidi;	(d) ***it-tisħiħ*** tal-bijodiversità, ***tal-konservazzjoni*** tal-ħabitats jew tal-ispeċijiet, ***tal-karatteristiċi*** tal-pajsaġġ, ***tat-tnaqqis*** tal-użu tal-pestiċidi;

Or. en

Emenda 1172
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-iżvilupp tal-biedja organika;	(e) l-iżvilupp tal-biedja organika ***permezz tal-provvista ta' appoġġ adegwat u tal-iżvilupp ta' swieq inklużi ktajjen tal-provvista qosra u gruppi ta' produtturi ddedikati***;

Or. en

Emenda 1173
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
e) l-iżvilupp tal-biedja organika;	e) l-iżvilupp tal-biedja organika ***f'konformità mal-għan tal-UE li tiġġestixxi 25 % taż-żona agrikola totali***

b'mod organiku sal-2030;

Or. de

Emenda 1174
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-iżvilupp tal-biedja organika;	(e) l-iżvilupp ta' biedja organika ***u sistemi oħra ta' biedja sostenibbli li jikkontribwixxu għal eżiti ambjentali komparabbli***;

Or. en

Emenda 1175
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***l-iżvilupp*** tal-biedja organika;	(e) ***appoġġ għall-iżvilupp*** tal-biedja organika ***u tal-prattiki agroekoloġiċi***;

Or. en

Emenda 1176
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-iżvilupp ***tal-biedja*** organika;	(e) l-iżvilupp ***ta' sistemi ta' biedja sostenibbli, inkluża l-biedja*** organika;

Or. es

Emenda 1177
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-iżvilupp tal-biedja organika;	(e) l-iżvilupp tal-biedja organika ***u prattiki agroekoloġiċi***;

Or. it

Emenda 1178
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) l-iżvilupp ***tal-biedja organika***;	(e) ***l-appoġġ għall-biedja organika u*** l-iżvilupp ***tagħha***;

Or. pt

Emenda 1179
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***l-iżvilupp tal-biedja*** organika;	(e) ***appoġġ għall-biedja*** organika;

Or. en

Ġustifikazzjoni

"Żvilupp" tista' faċilment tiġi interpretata ħażin bħala żieda fiż-żona organika/fl-azjendi agrikoli organiċi. L-Awstrija diġà laħqet livell għoli ħafna ta' azjendi agrikoli organiċi, li jista' jagħmilha prattikament impossibbli li tkompli żżid is-sehem taż-żona organika/tal-għadd ta' azjendi agrikoli organiċi. Għalhekk, nipproponu l-kelma "appoġġ", peress li tenfasizza r-rilevanza li jinżamm l-appoġġ għall-azjendi agrikoli organiċi diġà eżistenti.

Emenda 1180
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) it-tranżizzjoni lejn sistemi agroekoloġiċi, l-agroforestrija u l-forestrija qrib in-natura;

Or. en

Emenda 1181
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) l-iżvilupp tal-agroekoloġija;

Or. en

Emenda 1182
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

	(eb) id-diversifikazzjoni tal-produzzjoni, inkluża n-newba tal-għelejjel b'għelejjel leguminużi, il-kultivazzjoni assoċjata u l-polikultivazzjoni;

Or. en

Emenda 1183
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) is-saħħa u l-benessri ***tal-annimali.***	(f) is-saħħa u l-benessri ***ambjentali, inkluża t-tranżizzjoni lejn standards tal-benessri ambjentali allinjati mal-evidenza xjentifika, densitajiet tat-trobbija aktar baxxi, l-għoti ta' aċċess għal barra, razez b'saħħithom, u l-eliminazzjoni gradwali tal-konfinament ta' rutina;***

Or. en

Emenda 1184
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) is-saħħa u l-benessri ***tal-annimali***.	(f) is-saħħa u l-benessri ***ambjentali f'konformità ma' Saħħa Waħda u inkluża t-tranżizzjoni lejn il-mudell tal-Ħames Dominji, u lejn standards tal-benessri ambjentali allinjati mal-evidenza xjentifika***.

Or. en

Emenda 1185
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) is-saħħa u l-benessri ***tal-annimali.***	(f) is-saħħa u l-benessri ***ambjentali, inkluża strateġija ddedikata għall-ġlieda kontra l-AMR u enfasi fit-tul fuq it-tnaqqis tal-użu tal-antibijotiċi fl-annimali tal-irziezet;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tnaqqis tal-użu tal-antibijotiċi fl-annimali tal-irziezet huwa essenzjali għas-saħħa tal-bniedem.

Emenda 1186
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
f) is-saħħa u l-benessri tal-annimali.	f) is-saħħa u l-benessri tal-annimali***, inkluża t-tranżizzjoni lejn standards tal-benessri tal-annimali bbażati fuq sejbiet xjentifiċi***.

Or. de

Emenda 1187
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(f)	is-saħħa u l-benessri ***tal-annimali***.	(f) is-saħħa u l-benessri ***ambjentali, filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-kompetittività u s-sostenibbiltà ekonomika tal-produzzjoni tal-bhejjem***.

Or. en

Emenda 1188
Arash Saeidi, Luke Ming Flanagan, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) is-saħħa u l-benessri tal-annimali.	(f) is-saħħa u l-benessri tal-annimali***, inkluża t-tranżizzjoni lejn mudelli ta' trobbija estensiva***.

Or. fr

Emenda 1189
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) is-saħħa u l-benessri tal-annimali.	(f) is-saħħa u l-benessri tal-annimali***, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' biċċeriji mobbli jew fissi***.

Or. ro

Emenda 1190
Emma Wiesner, Christine Singer, Barry Cowen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(f) is-saħħa u l-benessri ***tal-annimali.***	(f) is-saħħa u l-benessri ***ambjentali, inkluż l-użu mnaqqas tal-antibijotiċi***;

Or. en

Emenda 1191
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) il-protezzjoni tal-kwalità tal-ilma u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma.

Or. pt

Emenda 1192
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	fa) it-tnaqqis fl-użu tal-antimikrobiċi fit-trobbija tal-bhejjem.

Or. de

Emenda 1193
Luke Ming Flanagan, Konstantinos Arvanitis, Sebastian Everding, Anja Hazekamp, Arash Saeidi
f'isem il-Grupp The Left

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) sistemi tal-ikel lokali u territorjali

li jippromovu ktajjen tal-provvista qosra

Or. en

Emenda 1194
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-iżvilupp tal-kultivazzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-ikel;

Or. en

Emenda 1195
Emma Wiesner, Barry Cowen, Christine Singer, Asger Christensen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) l-użu effettiv u t-tnaqqis tar-riskji mill-pestiċidi;

Or. en

Emenda 1196
Christine Singer, Asger Christensen, Barry Cowen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) kontroll tat-tniġġis tal-arja

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din il-miżura ta' appoġġ tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kontroll tat-tniġġis tal-klima u tal-arja, pereżempju permezz ta' applikazzjoni tad-demel likwidu b'emissjonijiet baxxi, li tnaqqas l-emissjonijiet tal-ammonijaka.

Emenda 1197
Alexander Bernhuber

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) (g) kontroll tat-tniġġis tal-arja

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan jippermetti l-kontinwazzjoni ta' miżuri li jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-protezzjoni tal-klima, bħall-applikazzjoni tad-demel likwidu b'emissjonijiet baxxi, li tnaqqas l-emissjonijiet tal-ammonijaka.

Emenda 1198
Emma Wiesner, Barry Cowen, Christine Singer, Asger Christensen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) l-użu effettiv tal-fertilizzanti u l-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti, inkluż l-użu ċirkolari tad-demel jew ta' skart ieħor;

Or. en

Emenda 1199
Emma Wiesner, Barry Cowen, Christine Singer, Asger Christensen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) id-diversifikazzjoni tal-għelejjel, inklużi l-introduzzjoni u ż-żamma tal-għelejjel li fihom il-proteini fin-newbiet u fis-sistemi ta' kultivazzjoni assoċjata.

Or. en

Emenda 1200
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	***imħassar***

Or. es

Emenda 1201
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	***imħassar***

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni mhijiex dettaljata biżżejjed f'dan il-punt. Il-promozzjoni ta' estensifikazzjoni mifruxa tat-trobbija tal-bhejjem mingħajr ma jitqiesu r-riskji tal-kuntest soċjoekonomiku u produttiv, minn naħa waħda, li jimminaw il-potenzjal tal-produzzjoni tal-UE u, min-naħa l-oħra, li jaffettwaw l-azjendi agrikoli tal-bhejjem li sa issa investew l-aktar fl-innovazzjoni li għandha l-għan li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali.

Emenda 1202
Christine Singer, Asger Christensen, Ciaran Mullooly

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-tniġġis min-nitrati jrid jiġi indirizzat permezz ta' miżuri mmirati, ibbażati fuq l-inċentivi u orjentati lejn il-prattika li jirriflettu l-kundizzjonijiet reġjonali u s-sistemi eżistenti tal-bhejjem. Preżunzjoni ġenerali li t-trobbija tal-bhejjem f'żoni affettwati min-nitrati għandha tiġi estiża jew sostitwita b'attivitajiet oħra hija simplistika wisq. Dan hemm riskju li jdgħajjef il-produzzjoni bbilanċjata tal-bhejjem, il-ktajjen tal-valur reġjonali u s-sigurtà tal-ikel, minflok ma jappoġġja soluzzjonijiet prattiċi għal ġestjoni aħjar tan-nutrijenti.

Emenda 1203
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Ton Diepeveen, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Barbara Bonte, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-	***imħassar***

bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. en

Emenda 1204
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-appoġġ għat-tnaqqis tal-emissjonijiet huwa meħtieġ, iżda l-approċċ attwali huwa ppreġudikat ħafna lejn l-estensifikazzjoni. L-għażla tas-soluzzjoni trid tibqa' espliċitament f'idejn l-Istat Membru, bl-innovazzjoni, il-miżuri tekniċi, u l-ġestjoni mmirata jintużaw bis-sħiħ ukoll.

Emenda 1205
Carlo Fidanza, Waldemar Buda, Jessika van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta mhijiex ċara dwar kif tista' tiġi applikata. Barra minn hekk, hemm riskju li l-promozzjoni tal-bidla lejn biedja estensiva mingħajr ma jitqies il-kuntest soċjoekonomiku u tal-produzzjoni, fuq naħa, timmina l-potenzjal tal-produzzjoni tal-UE u, fuq in-naħa l-oħra, li taffettwa b'mod negattiv dawk l-azjendi agrikoli li, sal-lum, investew l-aktar fl-innovazzjoni li għandha l-għan li ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali.

Emenda 1206
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1207
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati*** għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għall-estensifikazzjoni*** tas-sistemi tal-bhejjem ***jew għad-diversifikazzjoni*** għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għal:***
	(a) ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti, li tnaqqas l-applikazzjoni ta' fertilizzant kimiku jew ta' demel tal-bhejjem permezz

tal-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem ***b'densità tat-trobbija massima ta' 2 LSU/ha f'konformità mal-Artikolu 1a (definizzjonijiet), inkluża t-tranżizzjoni lil hinn mill-gaġeġ u mis-sistemi ta' konfinament ristrett; jew***

(b) diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra ***jew għal miżuri oħra adattati għall-kundizzjonijiet reġjonali, inklużi sistemi ta' produzzjoni bbażati fuq artijiet bil-ħaxix permanenti u azjendi agrikoli ta' valur naturali għoli***; ***jew***

(c) estensifikazzjoni tas-sistemi ta' produzzjoni irrigati għal sistema sostnuta mill-ilma tax-xita fejn possibbli.

L-appoġġ mill-Istati Membri għandu jirrispondi għal kwalunkwe xkiel għall-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli li jirriżulta minn dawn l-isfidi; L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm biżżejjed appoġġ disponibbli speċjalment għall-bdiewa f'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma u minn kwistjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija relatati mal-eċċessi tan-nitrati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-interventi tal-PAK u tal-Istati Membri għandhom jallinjaw mal-mira tal-infiq fuq il-klima u l-ambjent għall-FSNR (43 %). Barra minn hekk, kienet talba ċara mid-Djalogu Strateġiku biex tiżdied b'mod sostanzjali l-allokazzjoni għall-azzjonijiet ambjentali u klimatiċi fil-perjodu tal-PAK li jmiss.

Emenda 1208
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***jew il-preżenza ta' indikaturi għall-***

għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

evoluzzjoni jew għat-trażmissjoni tar-reżistenza għall-antimikrobiċi, jew b'żoni bi pressjonijiet sinifikanti ta' estrazzjoni tal-ilma u ta' alterazzjoni idroloġika li jippreżentaw riskju għall-flussi ekoloġiċi, għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra. ***Il-parteċipazzjoni f'tali appoġġ għandha tkun volontarja għall-bdiewa.***

Or. en

Emenda 1209
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni ***agrikoli*** affettwati mit-tniġġis tal-ilma ***jew f'riskju sinifikanti ta' tniġġis tal-ilma*** minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***biex japplikaw prattiki ta' ġestjoni aktar sostenibbli fis-sistemi tal-bhejjem tagħhom u soluzzjonijiet oħra, inklużi approċċi kooperattivi, kif ukoll appoġġ*** għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. en

Emenda 1210
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem ***jew*** għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma ***jew f'riskju sinifikanti ta' tniġġis tal-ilma*** minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għat-tranżizzjoni lejn prattiki ta' ġestjoni aktar sostenibbli, inkluż*** għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem**,** għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra ***kif ukoll approċċi kollettivi jew kooperattivi***.

Or. en

Emenda 1211
Claudiu-Richard Târziu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra ***jew miżuri effettivi oħra adattati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali u reġjonali li jilħqu riżultati ambjentali ekwivalenti***.

Or. en

Emenda 1212
Cristina Maestre, Elena Sancho Murillo

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa**,** ***bħal appoġġ*** għall-estensifikazzjoni tas-

bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra ***jew azzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-kawżi tat-tniġġis jew għar-restawr tal-korpi tal-ilma*** **.**

Or. en

Emenda 1213
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem ***jew*** għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem ***u għat-tnaqqis tad-densitajiet tat-trobbija, inkluża t-tranżizzjoni lil hinn mill-gaġeġ u mis-sistemi ta' konfinament ristrett, u*** għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli ***sostenibbli*** oħra.

Or. en

Emenda 1214
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra***, jew għal azzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-kawżi tat-tniġġis jew***

għar-restawr tal-korpi tal-ilma.

Or. ro

Emenda 1215
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem***, inkluża t-tranżizzjoni lejn sistemi għajr il-gaġeġ u sistemi fil-magħluq,*** jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. fr

Emenda 1216
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra***, jew azzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-kawżi tat-tniġġis jew għar-restawr tal-korpi tal-ilma***.

Or. pt

Emenda 1217
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra ***jew azzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni tal-kawżi tat-tniġġis jew għar-restawr tal-korpi tal-ilma***.

Or. en

Emenda 1218
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra***, kif ukoll għal soluzzjonijiet oħra, inkluż approċċi kollettivi/kollaborattivi***.

Or. ro

Emenda 1219
Maria Noichl

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem***, inkluża t-tranżizzjoni lil hinn mill-gaġeġ u s-sistemi ta' kontenIment fil-magħluq,*** jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. de

Emenda 1220
Barry Cowen, Asger Christensen, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għall-estensifikazzjoni*** tas-sistemi tal-bhejjem ***jew għad-diversifikazzjoni*** għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għal miżuri li jinkludu l-estensifikazzjoni*** tas-sistemi tal-bhejjem***, id-diversifikazzjoni*** għal attivitajiet agrikoli oħra***, jew miżuri oħra ta' mitigazzjoni biex tittejjeb il-kwalità tal-ilma***.

Or. en

Emenda 1221
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati*** għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni***	L-Istati Membri għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għall-ġestjoni effiċjenti tal-inputs, inklużi tekniki innovattivi***.

għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. en

Emenda 1222
Camilla Laureti, Stefano Bonaccini, Annalisa Corrado, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis ***jew li huma f'riskju tat-tniġġis*** tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. it

Emenda 1223
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. fr

Emenda 1224
Maria Walsh

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra***.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa ***għal aktar miżuri ta' mitigazzjoni biex itejbu l-kwalità tal-ilma, inklużi approċċi kollettivi/kooperattivi***.

Or. en

Emenda 1225
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi propost ukoll li "għandhom" tiġi sostitwita b'"jistgħu" fit-tieni subparagrafu, sabiex l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà akbar fir-rigward tal-appoġġ għal żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati.

Emenda 1226
Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati

għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	***jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. en

Emenda 1227
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***għandhom*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.	L-Istati Membri b'żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati ***jistgħu*** jipprovdu appoġġ għall-bdiewa għall-estensifikazzjoni tas-sistemi tal-bhejjem jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli oħra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà billi "għandhom" tiġi sostitwita b'"jistgħu" fit-tieni subparagrafu dwar l-obbligu li jingħata appoġġ għaż-żoni affettwati mit-tniġġis tal-ilma minħabba eċċess ta' nitrati.

Emenda 1228
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri b'distrett wieħed jew aktar tal-baċiri tax-xmajjar fejn il-korpi tal-ilma ta' taħt l-art jonqsu milli jilħqu status kwantitattiv tajjeb minħabba pressjonijiet antropoġeniċi, inkluża l-intrużjoni tal-ilma ta' taħt l-art jew ħsara sinifikanti lill-ekosistemi terrestri

dipendenti fuq l-ilma ta' taħt l-art, għandhom jipprovdu appoġġ għall-bdiewa f'dawn id-distretti għall-estensifikazzjoni tas-sistema ta' produzzjoni irrigata għal sistema sostnuta mill-ilma tax-xita jew għad-diversifikazzjoni għal attivitajiet agrikoli jew mhux agrikoli oħra. Il-parteċipazzjoni f'tali appoġġ għandha tkun volontarja għall-bdiewa.

Or. en

Emenda 1229
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-agrikoltura Ewropea rigward l-ilma, b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-aċċess għar-riżorsi tal-ilma, l-adattament tas-sistemi ta' produzzjoni għal episodji ta' nixfa, l-immodernizzar tal-infrastrutturi tal-irrigazzjoni u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-ħażna tal-ilma meta din tkun meħtieġa għall-kontinwità tal-produzzjoni agrikola.

Or. fr

Emenda 1230
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri jistgħu jappoġġaw ukoll miżuri ta' bijosigurtà, inklużi l-finanzjament jew il-kofinanzjament ta' miżuri veterinarji obbligatorji, l-ittestjar

fil-laboratorju, u miżuri oħra għall-prevenzjoni u għall-kontroll ta' mard infettiv tal-annimali, bħala miżuri li jgħinu biex tiżdied is-sigurtà bijoloġika tal-azjendi agrikoli u biex jiġi limitat it-telf ekonomiku.

Or. pl

Emenda 1231
Ciaran Mullooly, Michael McNamara

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu l-kontribut ambjentali tal-artijiet bil-ħaxix permanenti, tas-sistemi effiċjenti fil-karbonju għall-bhejjem li jirgħu, tar-ringieli ta' sġajriet u tal-pajsaġġi tal-biedja tradizzjonali meta jfasslu l-interventi.

Or. en

Emenda 1232
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) il-preżervazzjoni tat-trobbija tal-bhejjem bħala settur strateġiku

Or. fr

Emenda 1233
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-appoġġ fl-oqsma ta' prijorità msemmija fil-punt 1 jista' jinkludi wkoll azzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ taż-żamma tal-ilma, il-kostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura taż-żamma, it-titjib tal-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, l-iżvilupp ta' sistemi meteoroloġiċi u ta' monitoraġġ tan-nixfa, il-prestazzjoni tal-istħarriġ tal-ħamrija u l-għoti ta' pariri dwar il-ġestjoni tan-nutrijenti, bħala fatturi li jżidu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli għall-effetti tat-tibdil fil-klima u jappoġġaw il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali.

Or. pl

Emenda 1234
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta tattiva r-riżerva agrikola jew il-miżuri eċċezzjonali ta' emerġenza, il-Kummissjoni għandha tqis il-vulnerabbiltà akbar tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni għal eventi ta' temp estrem, bħal ċikluni u nixfiet, u tfixkil fil-ktajjen tal-provvista globali. Għandhom jiġu adottati kriterji ta' skattar speċifiċi u aċċellerati u rati ta' kumpens miżjuda għar-reġjuni ultraperiferiċi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

Or. pt

Emenda 1235
Jessika van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-appoġġ ipprovdut fl-oqsma ta' prijorità msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux ikollu bħala l-għan jew l-effett tiegħu tnaqqis strutturali tal-kapaċità tal-produzzjoni agrikola tal-Unjoni jew tad-disponibbiltà tal-provvisti skont it-tifsira tal-Artikolu 39(1)(d) tat-TFUE. L-Istati Membri għandhom jagħtu prijorità lil miżuri bbażati fuq il-progress tekniku li jisseparaw il-pressjoni ambjentali mill-volum tal-produzzjoni.

Or. en

Emenda 1236
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Or. pt

Emenda 1353
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(oa) appoġġ għal investimenti għall-azzjonijiet preventivi għall-protezzjoni mill-għargħar jew kostali u investimenti mhux produttivi relatati mal-objettivi speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (d) (v), tar-Regolament (UE) […] [SNR];

Or. en

Emenda 1354

Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(oa) appoġġ għall-investimenti fl-irrigazzjoni;

Or. es

Emenda 1355
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ob (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ob) appoġġ għal investimenti fl-irrigazzjoni;

Or. en

Emenda 1356
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Luke Ming Flanagan, Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qa) appoġġ għall-istabbiliment u għall-iskalar tal-għelejjel li fihom il-proteini, speċjalment il-legumi, f'azjendi agrikoli ġodda u eżistenti, inklużi l-ħżin, l-ipproċessar lokali, il-kummerċjalizzazzjoni u l-valorizzazzjoni ċirkolari tal-koprodotti, bi prijorità għall-ikel tal-bniedem u l-għalf miksub lokalment;

Or. en

Emenda 1357
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;	(r) interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013; ***pagamenti f'każ ta' kriżi għall-bdiewa wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi u ħsara kkawżata minn annimali selvaġġi.***

Or. ro

Emenda 1358
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) interventi ***f'ċerti setturi*** msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;	(r) interventi ***settorjali fis-setturi*** msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

Or. en

Emenda 1359
Valérie Deloge, Gilles Pennelle, Marie Dauchy, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ra (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ra) interventi bl-għan li jappoġġaw il-ktajjen ta' provvista strateġiċi, bħal dawk tal-proteini, li jikkontribwixxu għall-

	awtonomija u għas-sovranità tal-ikel tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz taż-żamma tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ktajjen ta' provvista u t-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjonijiet;

Or. fr

Emenda 1360
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) pagamenti f'każ ta' kriżi għall-bdiewa.	(s) pagamenti f'każ ta' kriżi għall-bdiewa ***wara diżastri naturali, avvenimenti klimatiċi avversi u katastrofiċi u ħsarat ikkawżati minn annimali selvaġġi***.

Or. en

Emenda 1361
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt s

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(s) pagamenti f'każ ta' kriżi għall-bdiewa.	(s) pagamenti f'każ ta' kriżi għall-bdiewa ***wara diżastri naturali, eventi klimatiċi avversi u eventi katastrofiċi***.

Or. pt

Emenda 1362
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sa) investimenti fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni tal-ikel, li jiżviluppaw ir-rabta bejn il-biedja, l-ikel u t-territorju;

Or. en

Ġustifikazzjoni

The processing and marketing sectors are the main recipients of agricultural products at the local level. A larger number of local processing plants gives farmers the ability to choose the recipient of their products and a real opportunity to negotiate prices (increasing the farmer's share in the value chain). Ensuring a fair income for farmers is a key element of the future CAP and the sector's resilience. For farmers to benefit from the proposed SME support, it must be linked to the obligation to enter into supply contracts directly with farmers.Processing is a crucial link in the stabilizing food supply chain and guaranteeing its resilience and food security. Building resilience cannot be limited to supporting only the first phase – agricultural production. Support for the food processing industry is also essential, especially during periods of production surpluses or uncontrolled inflows of agricultural products from third countries.To achieve resilience and long-term competitiveness of the agricultural sector, a strong food processing industry with high processing capacity is essential.

Emenda 1363
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sa) appoġġ għall-ipproċessar u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, inklużi ktajjen tal-provvista qosra.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi propost li l-lista tal-interventi tal-PAK tiġi ssupplimentata billi jiżdied l-appoġġ għall-ipproċessar u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli fil-katina tal-valur. Dan

il-qasam huwa importanti għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-ikel, ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista u l-potenzjal tal-esportazzjoni tal-UE.

L-ipproċessar lokali, speċjalment mill-SMEs u mill-bdiewa, jappoġġja l-iżvilupp rurali, iżid il-valur tal-produzzjoni agrikola u jikkontribwixxi għal ktajjen tal-provvista iqsar u aktar reattivi. Tali appoġġ iġib miegħu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali, b'mod partikolari għaż-żoni rurali u għas-swieq lokali.

Emenda 1364
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sa) appoġġ għas-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli u għall-irtirar bikri;

Or. pl

Emenda 1365
Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sa) appoġġ għall-istabbiliment ta' produzzjoni ta' għelejjel legiminużi;

Or. en

Emenda 1366
Stanislav Stoyanov, Ilia Lazarov, Tsvetelina Penkova, Emil Radev, Taner Kabilov, Andrey Novakov, Andrey Kovatchev, Eva Maydell, Radan Kanev, Ilhan Kyuchyuk, Nikola Minchev, Elena Yoncheva, Petar Volgin, Ivaylo Valchev, Kristian Vigenin

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sa) intervent ta' għajnuna nazzjonali tranżizzjonali;

Or. en

Emenda 1367
Barry Cowen, Asger Christensen, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Charles Goerens, Benoit Cassart, Christine Singer, Elsi Katainen, Jérémy Decerle

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sa) appoġġ għall-istabbiliment tal-produzzjoni tal-għelejjel li fihom il-proteini;

Or. en

Emenda 1368
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sa) interventi li jappoġġaw l-agrikoltura tal-muntanji;

Or. en

Emenda 1369
Herbert Dorfmann

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(sb) Interventi li jappoġġaw investimenti attivi fid-difiża b'referenza partikolari għall-immaniġġjar tal-ilma tal-irrigazzjoni.

Or. en

Emenda 1370
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sb) għajnuna nazzjonali tranżizzjonali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li tiżdied il-possibbiltà li titkompla l-Għajnuna Nazzjonali Tranżizzjonali (TNA). It-TNA għandha titkompla bħala strument għall-appoġġ u għall-istabbilizzazzjoni tal-introjtu agrikolu. Taħt strument bħal dan, is-settur tat-tabakk huwa appoġġjat f'xi Stati Membri. Dan is-settur jappartjeni għal grupp ta' setturi partikolari li huma importanti għal raġunijiet soċjoekonomiċi, ambjentali u stabbiliti sew fit-tradizzjonijiet ta' xi reġjuni. Dawn jikkontribwixxu għall-preżervazzjoni tad-diversità tal-għelejjel, li hija importanti ħafna wkoll b'tendenza nazzjonali li tissimplifika l-istruttura tagħhom.

Emenda 1371
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sc) appoġġ għall-istabbiliment ta' kooperattivi tal-produzzjoni agrikola, kooperattivi tal-bdiewa u organizzazzjonijiet tal-produtturi;

Or. pl

Emenda 1372
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt sc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(sc) appoġġ għall-ipproċessar u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, inklużi ktajjen tal-provvista qosra

Or. en

Ġustifikazzjoni

It is necessary to supplement list of the CAP interventions by adding intervention providing support for the agricultural product processing and marketing sector within the value chain. This area is crucial in ensuring the European Union's food security, the stability of supply chains, and export opportunities. Local processing, particularly the SME sector, plays a key role in utilizing agricultural raw materials produced in rural areas. Direct involvement of farmers in further stages of the food chain is also essential for supply chain development. Support for small-scale processing brings a number of economic, social, and environmental benefits. In the case of short supply chains, producers are able to respond better and more quickly to consumer needs, offering products of known origin, in appropriate quantities, often at lower prices. Therefore, the agricultural product processing and marketing sector, as closely linked to agriculture, must remain a separate element of CAP support.

Emenda 1373
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Tipi ta' intervent għall-iżvilupp rurali
	(a) pagament għar-restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona
	(b) appoġġ għall-iżvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji
	(c) azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi

(d) appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju

(e) appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti

(f) appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ, ta' bdiewa ġodda, ta' negozji rurali u start-ups u l-iżvilupp ta' bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar

(g) appoġġ għall-kondiviżjoni tal-għarfien u għall-innovazzjoni fl-agrikoltura, fil-forestrija u fiż-żoni rurali

Or. en

Emenda 1374
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Stefano Bonaccini, Marko Vešligaj

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Mingħajr preġudizzju għall-konformità mal-Artikolu 20(4) tar-Regolament 202X/XXXX (ir-Regolament SNR), il-kontribuzzjoni nazzjonali minima għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (d) sa (k), ma għandhiex tkun inqas minn 30 % tal-kostijiet totali stmati ta' kull intervent. Meta l-ammont tal-kontribuzzjoni nazzjonali msemmija fl-Artikoli 15, 42 u 69 tar-Regolament (UE) 2021/2125 ikun ogħla minn 30 %, l-Istat Membru għandu jżomm dak l-ammont bħala l-livell minimu tal-kontribuzzjoni nazzjonali stabbilit għall-perjodu 2021-2027.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li tippreżerva l-flessibbiltà tal-Istati Membri biex jiddeterminaw ir-rati ta' kofinanzjament tagħhom, din l-emenda tippermetti li titqies ir-rata ta' kontribuzzjoni attwali, u b'hekk il-livell ġenerali ta' appoġġ fil-livell tal-Istati Membri ma jinbidilx.

Emenda 1375
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-interventi fil-paragrafu 1(a), (b), (c) u (g) ma għandhomx japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-interventi l-oħra kollha għandhom ikunu applikabbli għal dawk ir-reġjuni skont kundizzjonijiet li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom u jiggarantixxu appoġġ effettiv u xieraq, u ma għandhomx ikunu soġġetti għall-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" stabbilit fl-Artikolu 33(2)(d) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.

Or. pt

Emenda 1376
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Mingħajr preġudizzju għall-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament PNR, il-kontribuzzjoni nazzjonali minima għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (d), (e), (f), (g) u (k) ma għandhiex tkun inqas minn 30 % tal-kostijiet totali stmati ta' kull intervent. Meta l-ammont tal-kontribuzzjoni nazzjonali msemmija fl-Artikoli 15, 42 u 69 tar-Regolament (UE) 2021/2125 jaqbeż it-30 %, l-Istat Membru

għandu jżomm dak l-ammont bħala l-livell minimu tal-kontribuzzjoni nazzjonali stabbilit għall-perjodu 2021-2027.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li tinżamm il-libertà ta' kofinanzjament mill-Istati Membri, l-emenda proposta tippermetti li tiġi kkunsidrata r-rata ta' kontribuzzjoni attwali applikata għall-PAK, u b'hekk jinżamm l-appoġġ fil-livell tal-Istati Membri.

Emenda 1377
Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-EUR 45 000 000 000 addizzjonali proposti mill-Kummissjoni Ewropea għall-agrikoltura fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034 se jiġu integrati bis-sħiħ fil-pakkett minimu riżervat tal-Politika Agrikola Komuni. Dan l-ammont għandu jiġi allokat esklużivament għall-interventi tal-PAK imsemmija fil-paragrafu 1.

Or. es

Emenda 1378
Ciaran Mullooly, Christine Singer

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. (T) għandha tiġi introdotta skema volontarja tal-unjoni għat-tnaqqis tal-provvista tal-ħalib bħala strument permanenti għall-ġestjoni tas-suq u

għandha tiġi attivata meta l-prezz medju tal-ħalib tal-unjoni jaqa' taħt livell limitu definit minn qabel, b'kumpens ipprovdut lill-produtturi parteċipanti għal tnaqqis volontarju fil-produzzjoni tal-ħalib;

Or. en

Emenda 1379
Barry Cowen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Skont dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ lill-bdiewa, lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi u lill-assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi għall-ipproċessar u għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli elenkati fl-Anness I tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Or. en

Emenda 1380
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Eric Sargiacomo, Stefano Bonaccini, Claire Fita, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-allokazzjoni finanzjarja tal-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (f), għandha tammonta għal mill-inqas 30 % għall-pakkett finanzjarju allokat għall-interventi tal-PAK imsemmija fl-Artikolu 10(2), il-punt (a)(ii) [Baġit].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tal-isfidi ambjentali u klimatiċi li qed jiżdiedu, il-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss għandu jinkludi delimitazzjoni ddedikata għall-azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi (AECA), li hija nieqsa mill-proposta tal-Kummissjoni iżda teżisti fil-PAK attwali.

Emenda 1381
Dario Nardella, André Franqueira Rodrigues, Cristina Maestre, Stefano Bonaccini, Marko Vešligaj, Elena Sancho Murillo, Maria Noichl, Camilla Laureti, Heléne Fritzon

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji li jappoġġaw l-iżvilupp tan-negozju għall-interventi favur il-bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikoli 14, 15, 16 u 17 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1382
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. 1a Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a), (b), (c) u (g) ma għandhomx japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi elenkati fit-Titolu IV tar-Regolament 202X/XXXX (ir-Regolament SNR).

Or. en

Emenda 1383

Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Mireia Borrás Pabón, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c) u (g) ma għandhomx japplikaw għal reġjuni ultraperiferiċi msemmija fit-Titolu VI tar-Regolament SNR.

Or. en

(Dak li kien l-Artikolu 35(2) tal-SNR)

Emenda 1384
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c) u (g) ma għandhomx japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fit-Titolu VI tar-Regolament SNR.

Or. en

Emenda 1385
Arash Saeidi, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c) ma għandhomx japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fit-Titolu IV tar-

Or. fr

Emenda 1386
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), ma għandhomx japplikaw għar-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fit-Titolu IV.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Artikolu 5 – Tipi ta' interventi, Il-paragrafu (1a) (dak li kien l-Artikolu 35(2) tal-SNR). It-tneħħija ta' (g)

L-appoġġ għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar huwa miżura ġenwina ta' simplifikazzjoni u huwa partikolarment adattat għall-istruttura speċifika tal-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi, li huma kkaratterizzati minn għadd kbir ta' azjendi agrikoli żgħar. Ħafna minn dawn l-azjendi agrikoli mhumiex koperti minn appoġġ fir-reġjuni ultraperiferiċi (imsemmija fl-Artikolu 46, 47 u 48 tar-regolament COM 2025/565) u ma jibbenefikawx minn miżuri ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK.

Emenda 1387
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Ir-rata massima ta' appoġġ applikabbli għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (1) (investimenti għall-bdiewa) u k(b), għandha tkun ta' 75 % tal-kostijiet eliġibbli totali ta' kull intervent. Madankollu, ir-rata massima ta' appoġġ applikabbli għall-interventi

msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i), immirata lejn il-bdiewa żgħażagħ għandha tkun ta' 100 % tan-nefqa pubblika eliġibbli. B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu r-rata massima ta' appoġġ għall-interventi relatati mal-investimenti skont il-paragrafu 1, il-punti (i) u k(b), għar-restawr tal-kapaċità tal-produzzjoni wara avvenimenti eċċezzjonali għal 100 %.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiżgura rati massimi ta' appoġġ għall-investimenti minn bdiewa żgħażagħ u fil-każ ta' restawr tal-potenzjal tal-produzzjoni wara avvenimenti eċċezzjonali.

Emenda 1388
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-miżuri kollha implimentati skont ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 għandhom ikunu ffinanzjati bis-sħiħ mill-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 10(2)(a)(iia) (ġdid) tar-Regolament (UE) [...] [SNR].

Or. pt

Emenda 1389
Raffaele Stancanelli, Isabella Tovaglieri, Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón, Csaba Dömötör, Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k) u (r) għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a) (ii) [Baġit].

Or. en

(Dak li kien l-Artikolu 35(3) tal-PSNR)

Emenda 1390
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(a) sa (k) u (r) huma miżuri ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10 [baġit], il-paragrafu(2)(a)(ii).

Or. en

Emenda 1391
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***1c. L-allokazzjoni finanzjarja għall-interventi ta' appoġġ akkoppjat għall-introjtu kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandha tkun limitata għal massimu ta' 20 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni stabbilita mill-Istat Membru fil-Pjan PAK għall-interventi ta' appoġġ għall-introjtu tal-PAK imsemmija fil-**

paragrafu 1, il-punti (a), (c), (f), (g) u l-punt (ba) jekk jiġi applikat mill-Istat Membru. Dan il-perċentwal jista' jiżdied b'massimu ta' ħames punti perċentwali, dment li l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwal li jaqbeż l-20 % jiġi allokat għall-għelejjel li fihom il-proteini, il-bdiewa li jikkombinaw il-produzzjoni tal-għelejjel u l-bhejjem jew iż-żoni agrikoli f'riskju ta' abbandun tal-produzzjoni agrikola b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, definiti fil-Pjanijiet. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tfisser reġjuni NUTS2 tal-Unjoni li jmissu mal-Federazzjoni Russa, mal-Belarussja jew mal-Ukrajna, bl-art jew bil-baħar, li ma jkoprux it-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. it

Emenda 1392
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***1c. Soġġett għall-konformità mal-Artikolu 20 [Kontribuzzjoni Nazzjonali għall-Kostijiet Stmati], il-paragrafu 4 tar-Regolament 202X/XXXX (ir-Regolament SNR), il-kontribuzzjoni nazzjonali minima għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (d) sa (k), ma għandhiex tkun inqas minn 30 % tal-kostijiet totali stmati ta' kull miżura. Meta l-ammont tal-kontribuzzjoni nazzjonali msemmija fl-Artikoli 15, 42 u 69 tar-Regolament tal-UE 2021/2125 (ir-Regolament attwali dwar il-PAK) jaqbeż it-30 %, l-Istat Membru għandu jżomm dak l-ammont bħala l-livell minimu tal-kontribuzzjoni nazzjonali stabbilit għall-**

perjodu 2021–2027.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Filwaqt li żżomm il-libertà għall-Istati Membri li jipprovdu kofinanzjament, l-emenda proposta tippermetti li titqies ir-rata ta' kontribuzzjoni attwali applikata għall-PAK, u b'hekk il-livell ta' appoġġ fil-livell tal-Istati Membri ma jinbidilx.

Emenda 1393
Paulo do Nascimento Cabral, Ana Miguel Pedro, Sérgio Humberto, Paulo Cunha, Sebastião Bugalho

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1c. Il-kontribuzzjoni nazzjonali minima għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1), il-punti (d) sa (f) u (h) sa (n), tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK] għandha tinżamm fil-livelli kurrenti.

Or. pt

Emenda 1394
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. Ir-rata massima ta' appoġġ applikabbli għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(i) [investimenti favur il-bdiewa] u (k) hija ta' 75 % tal-kostijiet eliġibbli totali ta' kull miżura. Madankollu, ir-rata massima ta' appoġġ applikabbli għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(i) maħsuba għall-bdiewa żgħażagħ għandha tkun ta' 100 % tan-

nefqa pubblika eliġibbli. Minkejja l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jżidu r-rata massima ta' appoġġ għal 100 % għall-miżuri relatati mal-investimenti skont il-paragrafu 1(i) u (k)b għar-restawr tal-kapaċità tal-produzzjoni wara avvenimenti eċċezzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda għandha l-għan li tiżgura r-rati massimi ta' appoġġ għall-investimenti mill-bdiewa żgħażagħ u f'każijiet li fihom il-potenzjal tal-produzzjoni jiġi restawrat wara avvenimenti eċċezzjonali.

Emenda 1395
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1d. L-allokazzjoni finanzjarja għall-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (ba), għandha tkun sa 25 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni stabbilita mill-Istat Membru fil-Pjan NRCAP għall-interventi ta' appoġġ għall-introjtu skont il-PAK imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a), (b), (c) u (g).

Or. it

Emenda 1396
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1e. L-allokazzjoni finanzjarja għall-

miżuri ta' appoġġ għall-introjtu akkoppjat imsemmija fil-paragrafu 1(b) għandha tkun limitata sa massimu ta' 20 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni stabbilita mill-Istat Membru fil-pjan tal-PAK għall-miżuri ta' appoġġ għall-introjtu skont il-PAK imsemmija fil-paragrafu 1(a), (c), (f), (g) u (ba), meta applikata mill-Istat Membru. Dan il-perċentwal jista' jiżdied b'massimu ta' ħames punti perċentwali, dment li l-ammont li jikkorrispondi għall-perċentwal li jaqbeż l-20 % jiġi allokat għall-għelejjel li fihom il-proteini, għall-bdiewa li jikkombinaw il-produzzjoni minn art li tinħadem mat-trobbija tal-bhejjem, jew għaż-żoni agrikoli f'riskju ta' abbandun, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant, kif definit fil-pjanijiet. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant" tfisser reġjuni NUTS 2 tal-Unjoni li jmissu, bl-art jew bil-baħar, mal-Federazzjoni Russa, mal-Belarussja jew mal-Ukrajna, li ma jkoprux it-territorju kollu tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Mal-bażi għall-kalkolu tar-riżorsi għall-iskema akkoppjata, jiżdied l-ammont allokat għall-programmi ta' effiċjenza, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi li jimplimentahom.

Emenda 1397
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1e. L-allokazzjoni finanzjarja għall-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (l) u (m) u fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament għandha tammonta għal mill-inqas 2 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni determinata mill-Istat Membru

msemmi fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1, is-subparagrafu (a), il-punti (i) u s-subparagrafu (c). Fi kwalunkwe każ, l-appoġġ imsemmi fis-subparagrafu (l) ma għandux jaqbeż iż-0,5 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni stabbilita mill-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1, is-subparagrafu (a), il-punt (i) u s-subparagrafu (c).

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-allokazzjonijiet finanzjarji tal-miżuri barra mill-allokazzjoni minn qabel għandhom jiġu stabbiliti filwaqt li jitqies perċentwal minimu tal-allokazzjoni fost ir-riżorsi ddedikati għall-iżvilupp reġjonali fil-Fond Uniku.

Emenda 1398
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1f. L-allokazzjoni finanzjarja għall-investimenti magħmula mill-impriżi li jipproċessaw jew jikkummerċjalizzaw prodotti agrikoli msemmija fil-paragrafu 1, is-subparagrafu (k)(a) ta' dan ir-Regolament għandha tiġi definita bħala perċentwal minimu tal-limitu massimu tal-Unjoni stabbilit mill-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1, is-subparagrafu (a), il-punt (i) u s-subparagrafu (c).

Or. it

Ġustifikazzjoni

L-allokazzjonijiet finanzjarji tal-miżuri barra mill-allokazzjoni minn qabel għandhom jiġu stabbiliti filwaqt li jitqies perċentwal minimu ta' allokazzjoni.

Emenda 1399
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1f. L-allokazzjoni finanzjarja għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(ba) għandha tammonta sa 25 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni stabbilita mill-Istat Membru fil-pjan tal-PAK għall-miżuri ta' appoġġ għall-introjtu skont il-PAK imsemmija fil-paragrafu 1(a), (b), (c) u (g).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-ammont ta' riżorsi li għandhom jiġu allokati għall-iskema tal-effiċjenza.

Emenda 1400
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1g. L-allokazzjoni finanzjarja għall-miżuri msemmija fil-paragrafu 1(l) u (m) u fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament għandha tammonta għal mill-inqas 2 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni determinata mill-Istat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 10(1)(a)(i) u (c). Fi kwalunkwe każ, l-appoġġ imsemmi fil-punt (l) ma għandux jaqbeż iż-0,5 % tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni ddeterminata mill-Istat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 10(1)(a) (i) u (c).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allokazzjonijiet finanzjarji għal miżuri barra mill-preallokazzjoni għandhom jiġu ddeterminati billi jitqies perċentwal minimu tar-riżorsi allokati għall-iżvilupp reġjonali fil-Fond Uniku.

Emenda 1401
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1g (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1g. L-allokazzjoni finanzjarja għall-appoġġ għat-trasferiment tal-azjenda lil bidwi żagħżugħ imsemmi fil-paragrafu 1(k)(b) għandha tiġi ddefinita bħala perċentwal minimu tal-limitu massimu tal-Unjoni stabbilit mill-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1, is-subparagrafu (a), il-punt (i) u s-subparagrafu (c).

Or. it

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu żgurati t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu, l-iżvilupp koeżiv tat-territorji u l-vitalità soċjoekonomika taż-żoni rurali, ir-riżorsi finanzjarji tal-intervent imsemmi f'dan l-Artikolu għandhom jiġu ddeterminati b'deroga mil-limiti massimi tal-PAK allokati minn qabel. Perċentwal minimu ta' dawn ir-riżorsi għandu jiġi delimitat u allokat fil-programmazzjoni tal-Fond Uniku għall-Iżvilupp Reġjonali.

Emenda 1402
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1h. L-allokazzjoni finanzjarja għall-investimenti mwettqa minn impriżi li jipproċessaw jew jikkummerċjalizzaw prodotti agrikoli kif imsemmi fil-

paragrafu 1(k) a) ta' dan ir-Regolament hija definita bħala perċentwal minimu tal-limitu massimu tal-Unjoni stabbilit mill-Istat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 10(1)(a)(i) u (c).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-allokazzjonijiet finanzjarji għal miżuri barra mill-preallokazzjoni għandhom jiġu ddeterminati billi jitqies perċentwal minimu tar-riżorsi allokati għall-iżvilupp reġjonali fil-Fond Uniku.

Emenda 1403
Salvatore De Meo

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1h (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1h. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-interventi għall-bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikoli 14, 15, 16 u 17 ta' dan ir-Regolament ikollhom il-possibbiltà li jaċċessaw strumenti finanzjarji biex jappoġġaw lin-negozju.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tippermetti aktar flessibbiltà fl-għoti ta' miżuri ta' appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ.

Emenda 1404
Carlo Fidanza, Waldemar Buda

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1i. L-allokazzjoni finanzjarja għall-appoġġ għat-trasferiment tal-azjenda

agrikola lil bidwi żagħżugħ, kif imsemmi fil-paragrafu 1(k)b, hija definita bħala perċentwal minimu tal-limitu massimu tal-Unjoni stabbilit mill-Istat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1)(a)(i) u (c).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġu żgurati t-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur agrikolu, l-iżvilupp koeżiv taż-żoni lokali u l-vitalità soċjoekonomika taż-żoni rurali, ir-riżorsi finanzjarji għall-miżura msemmija f'dan l-artikolu huma ddeterminati permezz ta' deroga mil-limiti massimi preallokati skont il-PAK. Perċentwal minimu ta' dawn ir-riżorsi huwa allokat fil-qafas tal-ipprogrammar tal-Fond Uniku għall-Iżvilupp Reġjonali.

Emenda 1405
Carlo Fidanza, Waldemar Buda, Jessika van Leeuwen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1j (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1j. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ ta' miżuri favur il-bdiewa żgħażagħ imsemmija fl-Artikoli 14, 15, 16 u 17 ta' dan ir-Regolament, il-bdiewa żgħażagħ ikollhom l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji biex jappoġġaw in-negozji tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-promozzjoni ta' flessibbiltà akbar fl-għoti ta' appoġġ lill-bdiewa żgħażagħ.

Emenda 1406
Eric Sargiacomo, Claire Fita

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR]. ***L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (f) ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-kontribuzzjoni nazzjonali minima ppreżentata hawn fuq.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea tipproponi kontribuzzjoni nazzjonali ta' 30 % għall-interventi li ġejjin: pagament għar-restrizzjonijiet naturali u restrizzjonijiet speċifiċi oħrajn taż-żona; appoġġ għall-iżvantaġġi li jirriżultaw minn ċerti rekwiżiti obbligatorji; azzjonijiet agroambjentali u klimatiċi; appoġġ għall-bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar; appoġġ għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju; appoġġ għall-investimenti għall-bdiewa u għas-sidien tal-foresti; appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ, ta' bdiewa ġodda, ta' negozji rurali u start-ups u l-iżvilupp ta' bdiewa b'azjendi agrikoli żgħar; appoġġ għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli.

Emenda 1407
Camilla Laureti, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR]. ***L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (f) ma***

għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-kontribuzzjoni nazzjonali minima msemmija hawn fuq.

Or. en

Emenda 1408
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR]. ***L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (f) ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-kontribuzzjoni nazzjonali minima.***

Or. en

Emenda 1409
Jessika van Leeuwen, Sander Smit

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k)***, u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013*** għandhom ikunu interventi ta' appoġġ	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k) għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament

għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].

(UE) […] [SNR].

Or. en

Emenda 1410
Bert-Jan Ruissen

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), ***u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013*** għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sectoral interventions should not be financed from national CAP-allocations, but either directly the NRPP or general budget at EU-level, or from unallocated budget in the NRPP.Under sectoral interventions of the current Common Agricultural Policy (2023-2027), support for producer organizations (POs), Associations of producer organizations (APOs), and transnational producer organizations (TPOs) is currently arranged on a project-by-project basis, funded directly from the European Agricultural Guarantee Fund (EAGF). Funding these projects directly from an EU fund serves a specific purpose: producers are incentivized to work together in POs, APOs, or TPOs, regardless of the national allocated CAP funding of the Member State they are located in. Additionally, it is justified that these sectoral interventions are financed from outside the national allocations, since many POs and their members that participate are active in multiple Member States. To ensure that sectoral interventions can continue to be adequately financed under the MFF post 2027 on a non-discriminatory basis regardless of the Member State the PO, APO or TPO is based in, the sectoral interventions should therefore continue to be financed directly from the EU-budget and not sourced from national allocations.

Emenda 1411
Willemien Koning

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), ***u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013*** għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kooperazzjoni bejn il-produtturi fis-settur tal-frott u l-ħxejjex u f'setturi organizzati oħra bħalissa hija appoġġjata fuq bażi ta' proġett direttament mill-baġit tal-Unjoni. L-assorbiment ta' dan l-appoġġ fil-pakketti nazzjonali jkun ta' żvantaġġ preċiżament għal dawk l-Istati Membri fejn il-bdiewa u l-kultivaturi organizzaw lilhom infushom bl-aħjar mod, peress li l-koeffiċjent tad-distribuzzjoni għall-allokazzjonijiet nazzjonali ma jirriflettix in-nefqa settorjali fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali.

Emenda 1412
Krzysztof Hetman

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k)***, (m) u (r)***, u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-

Regolament (UE) […] [SNR].	Regolament (UE) […] [SNR].

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-fondi għall-iskambju tal-għarfien u l-appoġġ għall-innovazzjoni għandhom jiġu inklużi fid-delimitazzjoni għall-interventi ta' appoġġ għall-introjtu sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni ma' strumenti oħra ta' appoġġ fl-NDP, flimkien ma' fondi adegwati. Dan jiffaċilita l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' strumenti li jappoġġjaw l-innovazzjoni u l-iskambju tal-għarfien.

Emenda 1413
Marta Wcisło

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k), u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (k) ***u (m)***, u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].

Or. en

Emenda 1414
Vilis Krištopans

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa ***(k)***, u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013	2. L-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa ***(ja)***, u l-interventi f'ċerti setturi msemmija fit-Titolu I, il-Parti II, il-Kapitolu IIa, tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013

għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].	għandhom ikunu interventi ta' appoġġ għall-introjtu li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond f'konformità mal-Artikolu 10(2), il-punt (a), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) […] [SNR].
	Or. en

Emenda 1415
Céline Imart

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-kontribuzzjoni nazzjonali minima għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK], il-punti (d) sa (k), ma għandhiex tkun inqas minn 30 % tal-kostijiet totali stmati ta' kull intervent. Il-kontribuzzjoni nazzjonali massima għal tali interventi ma għandhiex taqbeż l-40 % tal-kostijiet totali stmati ta' kull intervent.
	Ir-rata massima ta' għajnuna applikabbli għall-interventi msemmija fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 202X/XXXX [ir-Regolament dwar il-PAK], il-punt (i), għandha, b'mod ġenerali, tkun ta' 75 % tal-kostijiet eliġibbli totali eliġibbli ta' kull intervent. Madankollu, ir-rata massima ta' għajnuna applikabbli għall-interventi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (i), immirata lejn il-bdiewa żgħażagħ, għandha tkun ta' 85 % tan-nefqa pubblika eliġibbli. B'deroga, ir-rata massima ta' għajnuna tista' tiżdied għal 100 % għal ċerti investimenti, inklużi investimenti mhux produttivi.
	Or. fr